L-Università ta' Malta

# Diploma fil-Letteratura Maltija

L-analiżi u t-tħaddim tal-letteratura fis-seklu 21



## Deskrizzjoni Ġenerali

**F'Ottubru tal-2020, id-Dipartiment tal-Malti fil-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta se jerġa' jiftaħ kors li jwassal għal Diploma fil-Letteratura Maltija. Dan il-kors part-time ta' filgħaxija, b'żewġ lezzjonijiet fil-ġimgħa ta' tliet sigħat il-waħda, huwa mifrux fuq sentejn u jiftaħ darba kull sentejn.**

It-tieni grupp ta' studenti se jtemmu dan il-kors f'Ġunju tal-2020. Il-kummenti tagħhom jidhru f'dan il-fuljett u fuq is-sit tad-Dipartiment tal-Malti fuq l-internet.
L-istudenti li ħadu dan il-kors fil-passat u dawk li qed isegwuh bħalissa ġew minn diversi oqsma tal-ħajja u tax-xogħol: mix-xjenza, it-tagħlim, il-liġi, l-arkeoloġija, iċ-ċivil, ix-xandir, ix-xogħol tal-id, l-oqsma tal-arti, u l-ħidma fid-dar. Uħud minnhom bdew il-kors b'għarfien akkademiku tal-lingwa u l-letteratura Maltija f'livell għoli, iżda ħafna oħrajn imxew fuq il-passjoni li għandhom għal-letteratura u l-forom straordinarji li tieħu fil-ħajja tal-lum. Wieħed mill-isbaħ elementi f'din id-Diploma huwa proprju li tlaqqa' flimkien studenti differenti li lkoll għandhom ix-xewqa li jkabbru u jħaddmu l-għarfien tagħhom tal-letteratura Maltija.

Il-kontenut ta' din id-Diploma jirrifletti l-qawmien ġdid li qed naraw fil-letteratura Maltija u l-istudju tagħha, u l-ħtieġa li ninterpretawha u nħaddmuha b'modi li jirriflettu r-realtajiet tas-seklu 21. Qed isir ħafna xogħol importanti kemm fl-istudju tal-lingwa u l-letteratura Maltija kif ukoll fl-oqsma tal-pubblikazzjoni, il-kitba kreattiva u t-tagħlim tagħha, l-organizzazzjoni ta' avvenimenti letterarji nazzjonali u internazzjonali bis-sehem tal-awturi Maltin, u x-xandir tal-letteratura Maltija permezz ta' mezzi differenti. Din id-Diploma għandha l-għan li tħejji lill-istudenti għal dawn ir-realtajiet analitiċi u kreattivi tas-seklu 21, u tiftaħ toroq ġodda għall-arti tal-kelma fil-kuntest soċjali u kulturali Malti u internazzjonali.

Dawk li jixtiequ jidħlu għal dan il-kors universitarju bil-Malti jeħtieġu grad C jew ogħla fil-livell Avvanzat tal-Malti. Iżda dawk li jkunu għalqu t-23 sena qabel il-ftuħ tal-kors jistgħu jiġu aċċettati fid-Diploma mingħajr dan il-grad, wara intervista li ssirilhom mid-Dipartiment tal-Malti.

Bi ftehim mad-Dipartiment tal-Malti, BNF Bank (Malta) plc se jħallas il-miżata, sa massimu ta' 2000 ewro, tal-istudent jew l-istudenta li tiġi l-ewwel fil-kors, waqt li l-Kunsill Malti għall-Arti se jagħti għajnuna finanzjarja ta' 500 ewro lil kull wieħed mill-aħjar erba' proġetti tal-istudenti fit-tieni sena tal-kors. Apparti dawn l-għajnuniet, il-kors ġie approvat ukoll fl-iskema Get Qualified, li permezz tagħha l-istudenti se jkunu eliġibbli għal rimborż ta' 70% tal-miżata tal-kors fil-forma ta' tnaqqis mill-ħlas tat-taxxa.

## Id-Diploma tħares lejn l-imgħoddi u l-preżent tal-Letteratura Maltija iżda tiffoka wkoll fuq oqsma li s'issa għadna ma stħarriġniex b'mod sistematiku, fosthom:

- il-kitba kreattiva u l-lirika tal-kanzunetta
- ix-xogħol tal-editjar ta' manuskritt letterarju
- il-qari tal-letteratura fil-pubbliku u fuq il-mezzi tax-xandir
- il-preżenza u l-promozzjoni tal-letteratura fuq l-internet
- l-organizzazzjoni ta' attivitajiet letterarji fil-komunità
- iż-żwieġ bejn il-letteratura u forom oħra tal-arti
- il-kitba ta' reċensjonijiet ta' kotba tal-letteratura

## Dan il-kors huwa maħsub għal nies impjegati f'diversi setturi kulturali, artistiċi, u kreattivi relatati mal-preżentazzjoni pubblika ta' xogħlijiet letterarji bil-Malti.

Huwa maħsub għal dawk li għandhom interess jaqbdu l-kitba kreattiva bis-serjetà, u dawk li għandhom sehem attiv fl-addattament tal-letteratura Maltija għal forom artistiċi u dixxiplini oħra. Jinteressa wkoll lil dawk li sempliċement għandhom passjoni għal-letteratura u jixtiequ jkabbru l-għarfien tagħhom tal-forom ta' kitba kreattiva bil-Malti, kemm tal-imgħoddi kif ukoll tal-preżent.

## Letturi u Suġġetti

### David Aloisio

- Il-poeżija ta' wara l-Indipendenza
- Il-letteratura kanonika u sedizzjuża

### Bernard Micallef

- Mill-eqdem xogħlijiet poetiċi sal-poeżija Romantika
- Ir-rwol tal-qarrej fit-twettiq tax-xogħol letterarju

### Mark Vella

- In-narrattiva tal-bidu - gazzetti u faxxikli

### Leanne Bajada

- In-narrattiva tal-ġenerazzjoni kożmopolita

### Albert Gatt

- Letteratura u Teknoloġija: Il-ħolqien letterarju bejn il-bniedem u l-magna

### Adrian Grima

- Il-poeżija tal-ġenerazzjoni kożmopolita

### Maria Simiana

- Ir-rumanz tan-nazzjon sa żmien l-Ingliżi

### Justine Somerville

- In-narrattiva ta' wara l-Indipendenza

### Glen Calleja

- Il-qari pubbliku

### Caldon Mercieca

- L-użu kreattiv tal-għodod letterarji

### Immanuel Mifsud

- Metodi ta' kritika u interpretazzjoni
- Kif taqra test teatrali fuq il-karta u fit-teatru

### Emanuel Psaila

- Tipi ta' Realiżmu fin-narrattiva

### Alex Vella Gregory

- Il-lirika tal-kanzunetta

### Chris Gruppetta

- Il-letteratura tat-tfal u l-adolexxenti
- L-editjar ta' manuskritt letterarju

# Ir-Rilevanza għall-Karriera u l-Aċċess għal Studji Oħra

Id-Diploma fil-Letteratura Maltija tħarreġ lill-istudenti f'dawk il-ħiliet partikulari meħtieġa għax-xandir u l-pubblikazzjoni ta' xogħlijiet letterarji bil-Malti. Għalhekk, ittejjeb l-opportunitajiet għal kull min għandu għal qalbu karriera fil-mezzi tax-xandir, mad-djar tal-pubblikazzjoni, u ma' entitajiet oħra li jwasslu l-letteratura Maltija lill-pubbliku.

Id-Diploma għandha komponenti kreattivi li jħarrġu lill-istudenti fil-preżentazzjoni oriġinali u multidixxiplinarja (ngħidu aħna, bid-drama u l-mużika) ta' xogħlijiet letterarji diġà eżistenti. B'dan il-mod, il-kors jgħin lil dawk li huma interessati jaħdmu fil-kordinazzjoni u l-preżentazzjoni ta' avvenimenti letterarji b'mod professjonali.

Il-komponent tal-kitba kreattiva f'din id-Diploma jsaħħaħ il-ħiliet fl-arti tal-kelma, u b'hekk itejjeb il-prospetti ta' dawk interessati fil-kitba letterarja bħala professjoni artistika. B'taħriġ estensiv fl-evalwazzjoni u fl-istħarriġ ta' xogħlijiet letterarji minn diversi perjodi tal-letteratura Maltija, id-Diploma ttejjeb ukoll l-opportunitajiet tax-xogħol għal dawk li jixtiequ jaħdmu fil-qasam tal-ġurnaliżmu kulturali.

Dawk li jiksbu din id-Diploma jistgħu jitolbu li tiġi kkunsidrata għal eżenzjoni minn taqsimiet-studju fil-programmi tal-istudju tal-B. A. fil-Malti, tal-B. A. (Unuri) fil-Malti, tal-B. Hums (Baċellerat fl-Istudji Umanistiċi), u l-PLAS (Programm fl-Arti Liberali u x-Xjenzi).

# Il-Programm Sħiħ

| Sena | Semestru | Moduli |
| --- | --- | --- |
| 1 L-EWWEL SENA | L-ewwel semestru (Ottubru sa Jannar) | Il-Poeżija Maltija mill-Bidu sal-Perjodu Romantiku |
| | | In-Narrattiva Maltija mill-Bidu sar-Rumanz tan-Nazzjon |
| | | Metodi ta' Kritika u Interpretazzjoni Letterarja |
| | It-tieni semestru (Frar sa Ġunju) | Drama Maltija: Kif Taqra Test Teatrali fuq il-Karta u fit-Teatru |
| | | Il-Letteratura Maltija ta' wara l-Indipendenza |
| | | Ir-Rwol tal-Qarrej |
| | | Proġett dwar Perjodu tal-Letteratura Maltija |
| 2 IT-TIENI SENA | L-ewwel semestru (Ottubru sa Jannar) | Il-Qari Pubbliku ta' Kitbiet Letterarji |
| | | L-Użu Kreattiv tat-Teknika Letterarja |
| | | Tipi ta' Realiżmu fin-Narrattiva Maltija |
| | | Bejn Kanoni u Sedizzjoni |
| | | Il-Letteratura u Ġeneri Oħra: l-Intermidja u l-Interdixxiplinarjetà |
| | It-tieni semestru (Frar sa Ġunju) | Il-Lirika fil-Kanzunetta |
| | | Il-Letteratura tat-Tfal u tal-Adolexxenti |
| | | Il-Letteratura Maltija Kożmopolita |
| | | L-Editjar ta' Manuskritt Letterarju |
| | | Proġett dwar l-Interpretazzjoni ta' Xogħol Letterarju u l-Preżentazzjoni Kreattiva Tiegħu |

# Mistoqsijiet dwar id-Diploma

## Il-kors irid jitħallas f'salt jew jista' jitħallas f'partijiet?

Il-kors jista' jitħallas f'erba' partijiet, bi ħlas indaqs għal kull wieħed mill-erba' semestri tiegħu.

## Mnejn niksbu d-deskrizzjoni dettaljata tal-kors, u kif nistgħu napplikaw?

Araw id-deskrizzjoni dettaljata u avviżi oħra fuq il-kors minn hawn: **www.um.edu.mt/arts/malti/avvizi/diploma-letteratura**. L-applikazzjoni tista' ssir minn issa sat-23 ta' Lulju 2020 fis-2:00 p.m. minn hawnhekk: **www.um.edu.mt/apply**. Fl-applikazzjoni niżżlu l-indirizz elettroniku li tużaw ta' spiss għaliex ikollna bżonn nikkuntattjawkom. Jekk għandkom il-Malti fil-Livell Avvanzat, importanti li fl-applikazzjoni tindikaw il-grad.

## X'se jkunu l-ġranet u l-ħinijiet tal-kors?

Il-lezzjonijiet se jsiru t-Tnejn u l-Erbgħa, mill-5:30 p.m. sat-8:30 p.m.

**Għal aktar dettalji fuq il-kors żuru:**

**facebook.com/um.diplittmalt**

2340 3303 malti.arts@um.edu.mt

Direttur tal-Kors:
**Prof. Bernard Micallef**
*bernard.micallef@um.edu.mt*

Kordinatur tal-Kors:
**Prof. Adrian Grima**
*adrian.grima@um.edu.mt*

Ritratti:
**Giola Cassar**
*www.giolacassar.com*

Disinn:
**Panda**
*www.panda.com.mt*

"Ma jistax dak li jkun jgħid li jħobb il-letteratura Maltija u ma jagħmel xejn għaliha. Dan il-kors għaddieli ċavetta f'idi mhux biss biex inkompli niskopri ġmiel il-kitba, imma biex inkompli niskopri lili nnifsi u niżviluppa f'dak li jien. It-temi li ttrattajna u għad irridu nittrattaw tawni inċentiva biex inkompli nibni fuq dak li kont studjajt u ma skoprejtx biżżejjed, għax id-Diploma tittratta oqsma interessanti, bħall-aspett performattiv, kreattiv u artistiku. Ħabbibni aktar mal-ktieb, tant li matul iż-żmien ta' studju ħriġt l-ewwel ġabra poetika tiegħi *Potpuri* u kont editriċi ma' Andrew Sciberras tal-ktieb *Oliver Friggieri - L-Istudji Poetiċi (1989-2019)*. Il-kors tani l-enerġija u l-entużjażmu niżviluppa aktar il-kreattività tiegħi. Għenni nemmen aktar fija nnifsi u tani wkoll l-opportunità, permezz ta' studju serju, li ninvesti fil-letteratura imprezzabbli ta' pajjiżna u dik universali. Kull min verament iħobb lil din il-gżira għanja, għandu teżor li qed jistennieh biex jiskoprih."

**Amanda Busuttil**





"Illum ngħodd mal-anzjani u ili 'l fuq minn erbgħin sena li ħallejt l-iskola. Iddeċidejt li nagħmel dan il-kors għax inħobb ħafna l-ilsien Malti u dak kollu li għandu x'jaqsam miegħu. Mhux qed nagħmlu għax għandi xi ambizzjoni speċifika imma sempliċement għall-pjaċir u s-sodisfazzjon tiegħi personali. Tgħallimt ħafna, għamilt ħbieb ġodda li għandhom gosti bħal tiegħi, kabbart l-għarfien tiegħi fil-letteratura, u għaraft kemm tagħna mhix anqas rikka minn letteraturi b'ilsna oħra. Nirrakkomanda dan il-kors lil dawk kollha li jħobbu l-letteratura Maltija għax żgur li ser jitgħallmu ħafna u ma jiddispjaċihomx."

**Evelyn Salem Rizzo**



"Din id-Diploma offrietli materjal ġdid li la fil-B.A. u lanqas fl-M.A. ma kont għadni ltqajt miegħu u dan kien l-akbar gost ta' dan il-kors. Id-Diploma mhux biss għenitni nikber b'mod akkademiku b'suġġetti bħar-rispons tal-qarrejja u l-analiżi ta' rumanzi bħal *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* u n-novelli fil-gazzetti, imma wkoll b'mod personali b'suġġetti bħall-qari fil-pubbliku għaliex permezz ta' din it-taqsima ġejt aktar konxja ta' kif test letterarju għandu jiġi ppreżentat lill-udjenza. Dan is-suġġett għenni wkoll fil-professjoni tiegħi bħala għalliema għax ġejt aktar konxja ta' kif għandi nippreżenta test letterarju lill-istudenti."

**Jessica Micallef**

"Nistqarr li sa minn ċkuniti kont miġbud aktar lejn il-lat lingwistiku fejn jidħol il-Malti milli l-letteratura. Madankollu, wara li lestejt iċ-Ċertifikat fil-Qari tal-Provi offrut mill-istess Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta, ħassejt li nkun qiegħed nonqos jekk ma ngħarrafx lili nnifsi bit-tagħlim tal-letteratura Maltija. Għalhekk, għażilt li nesplora din l-opportunità ġdida. Nasal biex nistqarr ukoll li d-Diploma fil-Letteratura Maltija swietli ta' esperjenza konkreta, u nsejħilha esperjenza appuntu għaliex biddlitli l-perspettiva li kelli dwar il-qasam tal-letteratura, u fl-istess waqt saħħitli l-ewwel imħabba tiegħi għaliex urietni kif nista' nħaddem aħjar u b'modi differenti l-istess ilsien li hu tant għal qalbi. Iżda mhux biss: matul il-lezzjonijiet, u permezz tal-istudju u t-tiftix, ħriġt minn dari, iltqajt ma' nies ġodda, għamilt ħwejjeġ mhux tas-soltu, u infurmajt aktar ruħi dwar l-istorja u l-kultura ta' Malta, u saħansitra 'l hinn. Ngħid għalija, fil-qalba tal-letteratura nilmaħ li hemm il-bniedem, il-ġewwieni tiegħu u dak kollu li jdawru biex isawru!"

**Javier Degiorgio**





"Il-kors tad-Diploma fil-Letteratura Maltija huwa minjiera tad-deheb għal min għandu għal qalbu l-letteratura Maltija u d-diversi awturi u kotba Maltin. Huwa interessanti ħafna għaliex f'dan il-kors missejna ma' dak kollu li jorbot mal-letteratura Maltija: l-istorja, it-teatru, is-soċjoloġija, il-psikoloġija, it-teoriji letterarji. Jiena tgħallimt ħafna fuq kif tagħmel riċerka professjonali fuq il-ġeneri differenti tal-letteratura Maltija u din tatni sodisfazzjon kbir meta ġejt biex nagħmel il-preżentazzjonijiet tiegħi lejn l-aħħar tal-ewwel sena. Barra li hu kors akkademiku huwa wkoll kors performattiv għaliex minn poeżija jew minn biċċa proża tista' toħroġ biċċa xogħol letterarja bil-mużika, biż-żfin, u anke b'element teatrali. Nixtieq li jkollna l-opportunità li nkomplu l-letteratura Maltija f'lawrja (part-time) wara li nġibu d-Diploma."

**Marisa Azzopardi**

"Għalija li nidħol għal dan il-kors kienet tfisser sfida iktar minn doppja bl-impenji tax-xogħol tiegħi u d-dmirijiet tal-familja li wasslu sal-fażi ta' nannu. Imma l-imħabba li għandi għal-lingwa nattiva tiegħi għenitni negħleb id-diffikultajiet kollha u nitgħallem iżjed dwar is-sbuħija tal-lingwa Maltija. Qabel m'għamilt dan il-kors, meta kont naqra ktieb kont nifhem biss dak li hemm miktub fih. Illum dak li naqra jeħodni nimraħ f'dinja oħra iktar miftuħa, f'dinja ta' kritika u spjegazzjonijiet letterarji profondi fejn nasal biex nifhem ukoll il-kuntest storiku u letterarju li fih l-awtur ikun kiteb it-test. Illum nifraħ meta niftakar li barra li nista' nkun qarrej normali qed inkun ukoll għodda biex inkompli nwettaq ix-xogħol letterarju li jkolli quddiemi. Dan il-kors għallimni kif nikteb aħjar u iktar bil-ħsieb filwaqt li nuża tekniki differenti minn dawk tradizzjonali."

**Laurence Mamo**





"Qabel ma bdejt dan il-kors interessanti, kont nagħżel ktieb, nibda naqrah, nispiċċah u daqshekk, jerġa' jsib postu fil-librerija. Issa sirt napprezza aktar il-funzjoni tal-awturi u anki tal-qarrejja. Meta tattendi dan il-kors titgħallem tikkritika u tanalizza fil-fond it-test ta' quddiemek. Dan il-kors jgħin anki lil min ikun irid jikteb testi ġodda. Il-kittieba jridu jiftakru illi l-proġett tagħhom se jinqara minn għadd ta' qarrejja li se jikkritikaw ix-xogħol bil-mod tagħhom. Matul dan il-kors, tiltaqa' ma' ħafna letturi, illi b'mod professjonali u impekkabbli jwasslu tagħlim u tagħrif siewi li jgħinuk tħares lejn il-qari b'lenti differenti u tiftaħ bibien ġodda għad-dinja kulturali, u mhux dik Maltija biss imma ta' madwar id-dinja. Issir taf aktar anki fuq il-politika matul iż-żminijiet u l-letteratura ta' madwar id-dinja li qabel ftit tkun ħsibt fuqha. Jiena nħeġġeġ lil dawk kollha li jħobbu l-kultura, u mhux biss dik tal-qari, sabiex japplikaw għal dan il-kors għax żgur se jsibuh interessanti u se jgħinhom fi kwalunkwe proġett letterarju illi jkollhom f'moħħhom."

**Miriam Ellul**



"Għandek tapplika għal din id-Diploma qabelxejn jekk il-letteratura Maltija hija għal qalbek ħafna. Għandek tapplika għaliha wkoll għaliex magħġun fiha hemm bilanċ sabiħ ferm: tinkludi ħidma intensiva, imma fl-istess ħin toffri gost kbir. Barra minn hekk, għandek tapplika wkoll jekk, waqt li tkattar it-tagħlim tiegħek fis-suġġett b'modi varji u wiesgħa minn letturi bravissimi, tixtieq tgawdi minn ħbiberiji ġodda u minn dipartiment li dejjem se jissapportjak."

**Matthew Schembri**



"Dħalt għal dan il-kors sforz l-imħabba li għandi lejn l-ilsien Malti u l-letteratura Maltija, speċjalment dik li kienet frott il-perjodu Romantiku. Iżda matul dan il-kors għaraft napprezza wkoll il-letteratura li ġiet wara, dik tas-snin 60, wara l-Indipendenza, u anke dik kontemporanja. Matul dawn is-sentejn missejna ħafna aspetti differenti li jmissu mal-letteratura, u mhux biss rajna teoriji iżda kien hemm ukoll opportunitajiet sabiex intejbu l-kwalitajiet tagħna, pereżempju fejn jidħol il-qari fil-pubbliku, l-interpretazzjoni tal-poeżija fl-aspett performattiv, u l-kitba kreattiva."

**Ritianne Frendo**



"Dħalt għall-Kors bħala terapija, imma sibt wisq aktar minn hekk, għax skoprejt tassew il-veru ġmiel tal-letteratura Maltija."

**Nunziella Zahra Giglio**



"Ix-xewqa li nagħmel kors universitarju minn dejjem kienet tberren f'moħħi, però l-kultura u t-trobbija li sawruni donnhom dejjem żammewni lura. Kont nemmen li din il-ħolma kienet wisq kbira għalija sakemm darba ddeċidejt li nipprova. M'għandi l-ebda dispjaċir, anzi, esperjenza tal-ġenn, letturi mill-aqwa, u kors interessanti immens."

**Sylvana Vassallo**



"Il-letteratura Maltija hija għal qalbi ħafna u dan il-kors saħħaħli l-għarfien dwarha u tani l-għodod biex inkun nista' nikkritikaha b'mod iktar akkademiku. Interessanti kif, għalkemm dan il-kors jiffoka prinċipalment fuq il-letteratura Maltija, jimraħ ukoll f'oqsma oħra bħall-filosofija, it-teatru u forom oħra t'arti, u jirnexxilu jibni pont bejnhom u bejn il-letteratura Maltija. Barra minn hekk, dan il-kors laqqagħni ma' ħbieb ġodda li magħhom stajt naqsam il-passjoni li għandi għal-letteratura Maltija."

**Ritienne Coleiro**



